MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1637/1995/1

**Melkisedek Deguara**

**Vs**

**Rose mart Joseph Calleja, Esther mart Anthony Camilleri, Doris Deguara, Doreen u Shirley ahwa Calleja bhala eredi ta' Victoria Calleja; u b' digriet tad-29 ta' Novembru 1995 l-Avukat Dr. Edgar Depasquale u l-P. L. Paul Saliba gew nominati bhala kuraturi deputati ta' l-assenti Vincent Deguara; u b' digriet ta' l-24 ta' April 1996 l-Avukat Dr. Edgar Depasquale gie sostitwit bl-Avukat Dr. Tonio Mallia bhala kuratur; u b' digriet tal-10 ta' Mejju 2002 l-Avukat Dr. Tonio Mallia gie sostitwit bl-Avukat Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi Carmela Deguara mietet intestata fit-3 ta' Jannar, 1986 (Dok. A), kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji annessa ma' l-att tac-citazzjoni (Dok. B u C);

Premess illi Paul Deguara miet intestat fl-1 ta' Jannar, 1993 (Dok. D), kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji annessi ma' l-att tac-citazzjoni (Dok. E u F);

Premess illi skond il-ligi hemm lok ghas-successjoni *ab intestato* liema jedd jispetta lid-dixxendenti tal-mejtin, cjoe` Vincent, Rose mart Joseph Calleja, Melkisedek, Esther mart Anthony Camilleri, Doris xebba Deguara, ilkoll ahwa Deguara u Doreen u Shirley Calleja bhala r-rapprezentanti tal-mejta Victoria Calleja;

Premess illi l-attur ma jixtieqx jibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti in kwantu ghall-assi tal-mejtin Paul u Carmela konjugi Deguara;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-mizzewgin Paul u Carmela Deguara billi tigi dikjarata li tikkonsisti f' dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-konjugi Deguara billi taqsamhom f' sitt porzjonijiet ugwali billi hamsa minnhom jigu assenjati wahda kull wiehed lill-attur u l-konvenuti Vincent, Rose mart Joseph Calleja, Esther mart Anthony Camilleri u Doris xebba Deguara, ilkoll ahwa Deguara u billi r-rimanenti wiehed minn sitta jigi maqsum u assenjat in kwantu ghal wiehed minn tnax kull wiehed, lil Doreen u Shirley ahwa Calleja in rapprezentazzjoni u bhala eredi tal-mejta Victoria Calleja;

3. Tordna l-bejgh b' licitazzjoni ta' l-immobbli li jirrizultaw li m' humiex komodament divizibbli, jekk dan ikun necessarju u opportun ghall-istess divizjoni;

4. Tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta' divizjoni, u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Rose mart Joseph Calleja, Ester mart Anthony Camilleri, Doreen u Shirley ahwa Calleja u Doris Deguara li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi huma ma jopponux u qatt ma opponew ghad-divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Carmela Deguara u Paul Deguara u dana salv li jsiru l-verifiki necessarji u ghalhekk m'ghandhomx ibatu spejjez;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Avukat Dr. Edgar Depasquale u l-P.L. Paul Saliba *nomine* li fiha huma eccepew:-

1. Illi l-eccipjenti ma kienux edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw illi jaghtu l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Novembru 1999 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku AIC David Pace biex jistma il-fond fi Triq it-Tahhan, f’Birkirkara;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit gudizzjarju li tinsab a fol. 59 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Ottubru 2001;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

F’materja ta’ divizjoni ta’ beni komuni jezistu dawn ir-regoli bazici:

I. Il-kondividendi ghandhom dritt jiehdu sehemhom mill-hwejjeg komuni *in natura* (**Vol. XXXIII P I p 329**);

II. Mill-qasma jehtieg li titnissel ripartizzjoni ugwali (**Vol. XLVI P I p 355**);

III. Wiehed ghandu jirrikorri ghal-licitazzjoni bhala rimedju straordinarju u eccezzjonali meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara jew pregudizzju ghall-kondividendi (“**Rita Grech *et* –vs- Giuseppe Zammit *et***”, Appell Civili, 15 ta’ Lulju 1969; **Vol. XXXIII P II p 214**);

IV. Fid-divizjoni ta’ assi ereditarji jridu jingiebu fil-qasma dak kollu li jidhol f’dawk l-assi. Dan skond il-principju illi “*judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere*” (**Vol. XXXV P I p 188**);

Fil-kaz prezenti jidher li hu pacifiku bejn il-kontendenti, ghallanqas minn dak stabbilit fil-verbal tas-17 ta’ Novembru 1999 (fol. 50), illi l-uniku ass ereditarju jikkonsisti fil-fond 75 Anthony Sammut Street (gja Ganu Street) Birkirkara. Dan anke ghaliex, kif irrizulta, l-Air

Malta Bonds li ssemmew mill-attur Melkisedek Deguara fl-Affidavit tieghu (fol. 45) kienu nbieghu fit-8 ta' Awissu 1985 (ara xhieda ta' Joseph Grech, fol. 72) meta l-aventi kawza tal-kontendenti kienu ghadhom hajjin;

Il-fond imsemmi kien jappartjieni lil Carmela Deguara u zewgha Paul Deguara li mietu intestati rispettivament fit-3 ta' Jannar 1986 u fl-1 ta' Jannar 1993. Huma gew succeduti mill-hames uliedhom u t-tfal ta' binthom premorta Victoria Calleja. Dawn ghalhekk huma intitolati ghal sesta parti kull wiehed u wahda minnhom. Naturalment is-sesta parti ta' Victoria Calleja huwa suddiviz bejn iz-zewg ulieda Shirley u Doreen ahwa Calleja b' mod li dawn jircievu dodicesima parti kull wahda minnhom tal-gid tan-nanniet materni;

Issa biex wiehed ikun in grad jistabbilixxi jekk il-qasma tistax tigi materjalment stabbilita ghandu jittiehed qies tal-mument u ta' l-importanza tal-kwoti fiz-zmien li fih isir il-ftuh tas-successjoni. Dan appuntu ghaliex huwa dan iz-zmien li fih titwieled il-komunjoni, u allura l-azzjoni ghad-divizjoni;

Nominat biex jistma l-fond fuq specifikat il-perit tekniku, oltre li stabbilixxa li dan prezentement igib in-numru 4 Triq it-Tahhan, Birkirkara, iddikjara li dan ma huwiex komodament divizibbli fil-kwoti prefissi. Dan presumibilment fis-sens illi l-fond ma jistax jigi bla tfixkil u bla hsara maqsum. Huwa ghalhekk issuggerixxa li l-fond jigi licitat u r-rikavat diviz skond ir-rispettivi kwoti;

Jidher li l-kondividendi jiffavorixxu din il-proposta billi ma ressqu l-ebda kritika ghaliha. Jidher ukoll illi din hi x-xelta l-aktar konsentita fil-kaz u allura l-Qorti ser issegwi l-principju affermat *in subjecta materia* illi "*judicem in praedis dividendis quod omnibus utilissimum est ... sequi convenit" (L.24, ff. Comm. Div. Vid. Ulpiano 39, ad Sabinum)*.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tillikwida l-gid tal-komunjoni ta’ Paul u Carmela konjugi Deguara fis-sens li taghmlu jikkonsisti fil-fond Numru 4 Triq it-Tahhan (gja 72 Triq Anthony Sammut) Birkirkara;

Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara illi l-kontendenti u cjoe l-attur u l-konvenuti Rose Calleja, Esther Camilleri, Doris Deguara, u l-assenti Vincent Deguara huma intitolati ghal sesta (1/6) parti kull wiehed u wahda minnhom mis-sustanzi ereditarji tal-genituri, mentri l-ahwa Doreen u Shirley Calleja, ulied il-mejta Victoria Calleja u eredi taghha huma intitolati ghal dodicesima (1/12) parti kull wahda minnhom;

Tilqa’ t-tielet talba billi stante li d-divizjoni mhix konsentita fil-kaz in ispecie, tordna l-licitazzjoni tal-fond fuq imsemmi, kif ahjar deskrit fir-relazzjoni peritali a fol. 58, bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei;

Tiddeciedi inoltre li l-prezz rikavat ghall-finijiet ta’ l-izbank eventwali jigi maqsum fil-proporzjonijiet fuq stabbiliti;

Fic-cirkostanzi ma huwiex il-kaz li jigi nominat Nutar ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att tad-divizjoni kif hekk mitlub fir-raba’ talba u ghalhekk tichad l-istess talba.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-kontendenti fil-proporzjon tar-rispettiva kompartecipazzjoni fil-fond ereditarju li ser jigi hekk licitat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------